# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-25 ta' Jannar, 2002

**Numru 32**

**Avviz numru 859/01DM**

**Strand Marine & Auto Systems Limited**

**vs**

**Vincent Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erba' telef erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm4431.83c), rapprezentanti l-prezz ta' lanca, xogholijiet u imghax fuq l-imsemmija lanca, mibjughin u debitament ikkonsenjati lill-konvenut skond invoice anness u mmarkat bhala Dok A

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici; lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' telef erba' mija wiehed u tletin liri maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm4431.83c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Ottubru, 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va